**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U TMENMIN (85)**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 4 ta' Settembru 2018 fis-7.20 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sra Romina Perici Ferrante | *Accountant* |

******* Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.
Il-laqgħa bdiet mingħajr is-Sur Ian Vassallo.

**85.07 Mozzjoni ta' bdil ta' xogħol fuq l-Agenda.**

Is-Sindku ippropona li tinbidel l-ordni ta' xogħol u l-item 85.07 ikun eżawrit fil-bidu biex ikun spjegat mill-*Accountant*, it-Tieni Rapport Finanzjarju li jkopri Jannar – Ġunju 2018. Issekondat is-Sra Doris Coleiro u kienet approvata unanimament mill-kunsillieri preżenti.

Bdil tal-ordni ta' xogħol tal-Agenda

Is-Sra Romina Perici Ferrante spjegat illi l-Kunsill Lokal Ir-Rabat fl-aħħar ta' Ġunju 2018 kellu *net current asset* ta' €1,595,349.00 u *Financial Situation Indicator ta' 144%.* Is-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillieri u s-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjaw lis-Sra Romina Perici Ferrante tal-ispjega tagħha. Ir-rapport kien approvat b'vot unanimu wara li kien hekk propost kif preżentat mis-Sindku u ssekondat mill-Viċi Sindku.

Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart Jan-Gun 2018

**85.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

85.1.1 Inqraw l-*e-mails* ta' apoloġija tas-Sur Stephen Borg u is-Sur Rudolph Grima. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat skużahom unanimament wara li kienu hekk proposti mis-Sur Charles Azzopardi u ssekondati mis-Sinjura Doris Coleiro.

Qari tal-ittri ta' apoloġija

**85.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 84**

Il-minuti tas-seduta numru 84 ġew meħuda bħala moqrija u kienu approvati unanimament mingħajr ebda' emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati minn Doris Coleiro.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 84

****** Is-Sur Ian Vassallo daħal f'dan il-waqt it-7.24pm

**85.03 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija.**

Il-minuti tas-seduta numri 46 u 47 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr l-ebda' emenda, wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati minn Doris Coleiro.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 46 u 47 tal-Kumitati Amministrattivi tal-Baħrija.

**85.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

85.04.01 Is-Sindku ippropona illi jkunu installati ħames lampi ġodda minn fuq il-lista tal-lampi pendenti. Issekonda is-Sur Ian Vassallo u dawn il-lampi kienu approvati unanimament biex isiru l-applikazzjonijiet u jitwaħħlu.

Stallazzjoni ta' ħames lampi oħra ġodda.

85.04.02 Wara diversi interventi mill-kunsillieri preżenti għall-proposta tas-Sindku sabiex isir l-għeluq ta' parti minn Triq ir-Rebħa bejn Triq San Pawl u Triq Sta Rita, kien deċiż illi tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex din il-parti tingħalaq għat-traffiku goff, minbarra għal dawk il-vetturi li jagħtu servizz. Għeluq ħat-traffiku ta' parti minn Triq ir-Rebħa

## ** Sospenzjoni tal-Agenda

Fis-7.30pm, is-Sindku talab illi jintefa l-*live streaming* għal ftit minuti biex jagħmel klarifika dwar Jum ir-Rabat, kif fil-fatt sar.

## 85.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

85.05.01 Is-Sur Ian Vassallo talab illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat għandu jfakkar lill-uffiċjali ta' Transport Malta biex jibgħatu l-*enforcement officers* fi Triq Gorg Borg Olivier biex ma jibqgħux jgħaddu aktar trakkijiet minnha. Dan għaliex bihom ikun hemm konfużjoni peress li l-wisgħa tat-triq ma jippermettix. Hawn issemma' kif kien propost illi biex ma jeħlux tal-linja, isiru dwal tat-traffiku (intelligent traffic lighets) fuq kull naħa tat-triq, biex wieħed iċedi lill-ieħor. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda illi jekk hemm bżonn, għandha tintbgħat il-pulizija anke pajżana biex ikun hemm infurzar effettiv. Triq Ġorġ Borg Olivier.

85.05.02 Is-Sra Doris Coleiro talbet biex ikun infurzat il-fatt illi l-*coaches* ma jibqgħux jipparkjaw fejn il-Villa Rumana quddiem iċ-ċimiterju għax dawn suppost għandhom ikunu ipparkjati u joqgħodu jistennew fi Triq l-Infetti, minħabba l-periklu li qed joħolqu fl-inħawi tal-Villa Rumana. Parkeġġ tal-Coaches

85.05.03 Peter Paul Azzopardi staqsa fuq il-bankini. Hu staqsa jekk il-bankini humiex f'idejn il-Kunsill jew f'idejn il-Gvern peress li issa t-toroq se jsiru mill-gvern permezz ta' *Infrastructure Malta*. It-tweġiba kienet illi meta l-Gvern Ċentrali jagħmel it-triq, dan irid jagħmel ukoll il-bankini. Mistoqsija dwar il-bankini

## 85.06 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

Kienet approvata b'mod unanimu l-iskeda tal-pagamenti numru 283 wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati minn Andrew Mallia. Skeda tal-pagamenti 283

## 85.08 Ħatra ta' *Selection Panel* – Clerk Skala 15

Kien propost illi s-Sindku, l-kunsillier is-Sur Ian Vassallo u s-Segretarju Eżekuttiv ikomplu jagħmlu l-intervisti biex timtela' l-vakanza tal-iskrivan/a Skala 15, issa li għalqet is-sejħa kif imħabbar fit-*Times of Malta* datata 19 ta' Awwissu 2018 *(Jobsplus Permit number 285/2018)* Vakanza ta' Skrivan/a Skala 15

**85.09 L-Introduzzjoni tal-Ġbir tal-Iskart Organiku mil-31 ta' Ottubru 2018**

Fil-laqgħa li kellu mal-uffiċjali tal-*Wasteserv Malta Ltd*, is-Segretarju Eżekuttiv, intqal illi f'Malta kollha se jibda' jinġabar l-iskart organiku kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa f'borża bajda flimkien ma' reċipjent tal-iskart tal-plastik li qed tingħata mill-Uffiċjali tal-Wasteserv Malta Ltd lil kull familja. Dan it-tibdil mhux se jaffettwa l-andament tal-kuntratt li se joħroġ il-KLR għall-ġbir tal-iskart għaliex il-KLR se jibda' jħallas għal din il-ġabra u jitlob refużjoni lill-*Wasteserv Malta Ltd* skont kif kien maqbul mal-Gvern Ċentrali.

Ġbir tal-iskart organiku minn wara l-bibien.

**85.10 Petizzjoni – Tneħħija ta' sleeping policemen fi Triq Bieb ir-Ruwa**

Is-Sindku ippropona illi din titneħħa u l-mozzjoni kienet issekondata minn Andrew Mallia. Din għaddiet unanimament peress li intqal illi hemm aktar minn mitt firma. Barrminhekk irċevejna oġġezzjoni permezz ta' ittra bl-avukat għat-tneħħija tagħha.

Tneħħija ta' *sleeping policemen* fi Triq Bieb ir-Ruwa.

**85.11 Petizzjoni – Biex issir talba lil Transport Malta għal zona ta' parkeġġ għar-residenti ta' Sqaq Fra Diegu**

Ma kienx hemm qbil dwar din it-talba għaliex xi kunsillieri qalu illi jekk isir hekk għar-residenti ta' dan l-isqaq, ikollu jsir l-istess f'postijiet oħra wkoll – il-każ jippreġudika postijiet oħra. Madankollu se nkunu qed nitolbu direzzjoni minn *Transport Malta* dwar din it-talba.

Sqaq Fra Diegu – propost zona ta' parkeġġ.

**85.12 Talba biex jitpoġġew żewġ *mobile toilets* għall-Festa fl-Imtaħleb.**

Din il-mozzjoni kienet proposta mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Nazju Cassar. Kien deċiż unanimament illi dawn jitpoġġew temporanjament għal żmien il-festa tal-Vitorja.

*Mobile toilets* fil-Festa tal-Vitorja fl-Imtaħleb

**85.13 Condition Report – Visual Inspection and estimates of roads in Rabat July 2018, minn Med Design Associates**

Dan ir-rapport kien diskuss u kien maqbul mal-kunsillieri li jsiru dawn ix-xogħlijiet:

*Extensive / Patching u Surfacing.*

Triq Ħal Tartarni €3,914.97;
Triq Ħal Bajjada €29,388.23;
Triq il-Kappella tal-Lunzjata €73,237.85;
Triq Misraħ Suffara (lejn Sta Katerina) €13,169.77;
Triq il-Katakombi €218.81;
Trejqet ix-Xorbett €15,773.10;
L-Akwati tal-Markiż €78,653.68;

Ġnien Fiereż €49,207.99;
Binġemma lejn is-Santi €75,693.53;
Triq is-Sajf ta' San Martin €110.95;
Triq il-Lewż €147.94;
Triq ta' Fomm ir-Riħ, mat-Triq Ruweb €15,426.37;
Niżla ta' Fomm ir-Riħ €13,565.61;
Triq taċ-Ċanta, l-Baħrija €26,560.41;
Triq in-Nigret €73.97.

**85.14 Programm għall-Ħarġiet tal-Anzjani**

Dan kien propost mis-Sindku u ssekonda is-Sur Ian Vassallo. Il-proposti tal-programm għaddew b'vot unanimu.

Programm għall-Ħarġiet tal-Anzjani

**85.15 Disposal ta' Microwave oven (tneħħija mill-*Fixed Asset Register*)**

Is-Sindku ippropona illi dan jinqata' mir-reġistru tal-assi fissi, filwaqt li Peter Paul Azzopardi issekonda. Din il-proposta għaddiet unanimament.

*Microwave oven* maqtugħ mil-lista ta' Assi Pubbliċi.

**85.16 L-Ingaġġ ta' Skrivan/a fi Skala 13**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien infurmat illi Jobsplus issa se jibgħatulna lista amalgamata ta' Part 1, Part 2 u Part 3 aġġornata sabiex min hu nteressat japplika sabiex jerġgħu isiru l-intervisti.

Ingaġġ Skrivan/a Skala 13

**85.17 Iffirmar tal-kuntratt tal-Clothes' Bank mal-kumpanija Refab Textile Recycling.**

Iffirmar tal-kuntratt tal-*Clothes' Bank* ma' *Refab Textile Recycling*

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat diġa' fil-fatt għandu l-arranġamenti kollha f'posthom biex dan il-kuntratt qed jaħdem fuq bażi informali. Għaldaqstant ma kien hemm l-ebda' oġġezzjoni biex jibqa' jingħata dan is-servizz fir-Rabat, bħal issa fi Triq J Muscat.

**85.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Tmiem is-seduta u l-appuntament li jmiss

Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-2 ta' Ottubru 2018, fis-7.00pm u din is-seduta ntemmet fit-8.25pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv
u approvati llum 2/10/18 minn Charles Azzopardi
Sindku